**24 ta' Ottubru, 1960**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**
Konkors tal-Kredituri tal-eredità ġjaċenti ta'
Lewis Spiteri Debono

**Konkors tal-Kredituri — Privileġġ — Kuratur — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 2108(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm fil-kawżi ta' konkors tal-kredituri mhix meħtieġa, bħala regola, il-prova ta' kreditu ċert u likwidu, huma ammissibbli fil-proċedura tal-konkors ank: l-krediti li huma likwidabbli "in continentia", li huma ta' faċili spedizzjoni, mentri ma humiex ammissibbli dawk li ma huwiex ta' spedizzjoni faċili u li ma humiex attwalment esperibbli; salva l-azzjoni avokatorja jekk ikun il-każ.*

*Il-kreditu tal-kuratur li jirrappreżenta fil-konkors l-eredità ġjaċenti tad-debitur, għall-kompetenzi tiegħu relattivi għall-konkors, avvolja fil-konkors huwa jkun qed jidher biex jirrappreżenta l-eredità ġjaċenti debitriċi, jikkostitwixxi spejjeż ġudizzjarji privileġġjati fis-sens tal-liġi.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' Anthony Borg, f'ismu proprju u għad-ditta "Anthony Borg & Dominic Borg", li bih talab l-apertura ta' konkors tal-kredituri tal-eredità fuq imsemmija;

Rat il-kopja taċ-ċedola numru 236 tal-1958 li biha ġiet depożitata taħt l-awtorità ta' din il-Qorti s-somma ta' £365.5.11;

Rat l-avviż tar-Reġistratur publikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 11180 tas-27 ta' Frar 1959;

Rat il-libell ta' Emmanuela sive Lily Schembri, li bih talbet li jiġi pregradwat fil-kreditu tagħha ta' £8 u tiġi awtorizzata tiżbanka mill-imsemmi depożitu dik is-somma, flimkien mal-ispejjeż;

Rat il-libell ta' Anthony Borg f'ismu proprju u għad-

ditta "Anthony and Dominic Borg", li bih talab (1) illi jiġi pregradwat fl-ispejjeż tal-apertura tal-konkors, u jiġi awtorizzat jiżbanka dawn l-ispejjeż qabel kulħadd miċ-ċedola fuq indikata, u (2) illi, prevja kanonizzazzjoni tal-imsemmi kreditu tiegħu ta' £56.11.6 bl-interessi legali minn notifika, l-istess kreditu jiġi pregradwat għal dawk tal-kredituri l-oħra, u jiġi ammess jiżbanka dik is-somma, bl-interessi u l-ispejjeż relattivi;

Rat il-libell tal-Avukat Dottor George De Gaetano u Prokuratur Legali Joseph D'Amato, bħala kuraturi tal-assenti Sylvia Bonnici, li bih talbu li jiġu pregradwati fil-kreditu ta' £171.11.8, oltre l-imgħax u l-ispejjeż kanonizzati b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 1949 fil-kawża "Sylvia Bonnici versus Lewis Spiteri Debono", u illi jiġu awtorizzati jiżbankaw l-ammont relattiv, bl-ispejjeż;

Rot il-libell ta' Emmanuele sive Lily Schembri, li bih talbet li l-krediti tagħha (1) ta' £550 oltre l-imgħax tat-3% mill-ewwel ta' Gunju 1958, bilanċ ta' somma dovuta b'kuntratt publikat minn Nutar Edwin Pantalleresco tal-ewwel ta' Marzu 1954, inskritt għall-ipoteka fir-Reġistru Publiku, Volum I numru 650 tal-1944, u (2) ta' £200 oltre l-imgħax tat-3%, kostitwiti in debitu fit-12 ta' Diċembru 1956, jiġu pregradwati għal dawk ta' kredituri oħra, u tiġi awtorizzata tiżbanka s-somma depożitata biċ-ċedola "de qua" akkont tal-krediti tagħha;

Rat il-libell tal-Avukat Dr. Paul Mallia u P.L. Emmanuele Quattromani, bħala kuraturi tal-eredità ġjaċenti tal-Kurunell Anthony Arrigo, li bih talbu l-pregradwazzjoni tal-krediti li jiffurmaw oġġett tal-kawża fl-ismijiet "Kurunell Anthony Arrigo versus l-eredità ġjaċenti tal-imsemmi Lewis Spiteri Debono", pendenti quddiem il-Qorti tal-Kummerċ (ċitazzjoni numru 495/1958), u l-iżbank tas-somma dovuta, bl-ispejjeż;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Diċembru 1959; li bih ġie nominat perit legali l-Avukat Dottor Paolo Borg Grech;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi huwa magħruf u stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna illi, għalkemm fil-kawżi ta' konkors tal-kredituri bħala regola, mhix meħtieġa ħlief il-prova ta' kreditu ċert u likwidu, huma ammissibbli anki l-krediti likwidabbli "in continentia" (Kollez. XXIV-I-820 in fine); u taħt dan l-aspett għandu jiġi ammess il-kreditu ta' Anthony Borg ne.. li, barra milli ma ġiex kontestat, hu ta' faċili likwidazzjoni;

Illi l-istess ħaġa ma tistgħax tingħad dwar il-kreditu tal-eredità ġjaċenti tal-Kurunell Anthony Arrigo, li għadu mhux likwidu, u li l-likwidazzjoni tiegħu attwalment oġġett ta' ġudizzju separat, ma tidherx ta' faċili spedizzjoni; u ladarba dan il-kreditu mhux attwalment esperibbli, ma jistgħax jiġi ammess fil-proċedura odjerna; salv ir-rimedju tal-azzjoni avokatorja, jekk ikun il-każ (Kollez. XXI-I-346);

Illi, kwantu għall-kompetenzi tal-P.L. Benedict H. Dingli, relattivi għal dan il-konkors, il-Qorti taqbel mal-perit legali, u tirritjeni li l-kreditu huwa privileġġjat skond il-liġi; difatti, il-konkors ta' kredituri huwa ġudizzju "kontra d-debitur", kif jidher ukoll minn neċessità li dan jiġi notifikat anki bil-libelli u li fit-trattazzjoni jiġi mismugħ bħala l-aqwa nteressat fil-kawża (art. 417(4), 420(1) u (2) Proċ. Ċiv.); u għalhekk il-kuratur, għalkemm jirrap-preżenta l-eredità ġjaċenti tad-debitur, fil-proċedura odjerna huwa msejjaħ biex jikkontrolla l-pretensjonijiet tal-kredituri, sew fl-eżistenza kemm fl-estensjoni ta' dawk il-pretensjonijiet, u b'hekk, fil-waqt li jkun jittutela l-patrimonju tad-debitur, ikun qiegħed jagħmel ħaġa vantaġġjuża u ġjusta għall-kredituri kollha; u taħt dan l-aspett il-kompetenzi tiegħu jikkostitwixxu spejjeż ġudizzjarji privileġġjati skond id-definizzjoni tal-art. 2108(1) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi, sabiex id-depożitu "de quo" jiġi konsegwit mill-kredituri ntitolati għalieh skond din is-sentenza, il-Qorti

tinnomina lil Maurice Petrococchino biex jagħmel il-prospett meħtieġ tal-iżbank skond il-pregradwazzjoni hawn taħt miġjuba;

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tal-perizja ġudizzjarja fid-dawl ta' dawn il-konsiderandi;

Prevja awtorizzazzjoni lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri li jiżbanka d-dritt tar-Reġistru relattiv għal dan il-konkors, u lil Maurice Petrococchino jiżbanka l-kompetenzi tiegħu bħala ratizzatur kif fuq ġa nominat. kif ukoll lill-P.L. Benedict H. Dingli għall-kompetenzi tiegħu f'dan il-konkors bħala kuratur tal-eredità ġjaċenti tad-debitur Lewis Spiteri Debono;

Tiddeċidi billi tippregradwa fuq l-imsemmi depożitu:

(a) Fl-ewwel lok lill-libellant Anthony Borg proprio et nomine għall-ispejjeż tal-apertura ta' dan il-konkors;

(b) Fit-tieni lok lill-libellant Tabib Dr. Antonio Cremona fis-somma ta' £8, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentazzjoni tal-libell, u bl-ispejjeż minnu nkorsi f'dan il-konkors;

(c) Fit-tielet lok, lill-libellant Anthony Borg proprio et nomine għas-somma ta' £56.11.6, għall-ispejjeż tal-funeral tad-debitur, bl-imgħax legali mill-ġurnata li ġie preżentat il-libell, u bl-ispejjeż relattivi għal dan il-konkors;

(d) Fir-raba' lok, u fil-kumplament li jibqa' mid-depożitu "de quo". lill-libellanti Emmanuela sive Lily Schembri, akkont tal-bilanċ li baqgħalha tiegħu mis-somma ta' £1432.10.0 oriġinarjament kostitwita favur tagħha mid-debitur fl-atti tan-Nutar Dr. Edwin Pantalleresco tal-ewwel ta' Marzu 1944, inskritt għall-ipoteka fir-Reġistru Publiku fil-Volum I numru 650 tal-1944, bl-ispejjeż minnha nkorsi f'dan il-konkors;

U tastjeni minn kull ulterjuri pregradwazzjoni minħabba l-eżawriment tad-depożitu;

L-ispejjeż li talvolta ma ġewx provvduti jitħallsu mill-eredità ġjaċenti tad-debitur Lewis Spiteri Debono.